Emenda 21
Yana Toom
f'isem il-Grupp ALDE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni **B8-0546/2018**
Cecilia Wikström
f'isem il-Kumitat għall-Petizzjonijiet
Ir-rwol tal-Uffiċċju Ġermaniż għall-Benesseri taż-Żgħażagħ (Jugendamt) f'tilwim transfruntier li jinvolvi l-familji

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-Jugendamt huwa responsabbli għall-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet meħuda mill-qrati Ġermaniżi; billi l-interpretazzjoni wiesgħa ta' dawn id-deċiżjonijiet mill-Jugendamt ħafna drabi kienet ta' detriment għall-protezzjoni effettiva tad-drittijiet ta' ġenituri mhux Ġermaniżi;	D. billi l-Jugendamt huwa responsabbli għall-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet meħuda mill-qrati Ġermaniżi; billi l-interpretazzjoni wiesgħa ta' dawn id-deċiżjonijiet mill-Jugendamt***, skont il-petizzjonanti,*** ħafna drabi kienet ta' detriment għall-protezzjoni effettiva tad-drittijiet ta' ġenituri mhux Ġermaniżi;

Or. en

Emenda 22
Yana Toom
f'isem il-Grupp ALDE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni **B8-0546/2018**
Cecilia Wikström
f'isem il-Kumitat għall-Petizzjonijiet
Ir-rwol tal-Uffiċċju Ġermaniż għall-Benesseri taż-Żgħażagħ (Jugendamt) f'tilwim transfruntier li jinvolvi l-familji

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jenfasizza l-obbligu, kif previst fir-Regolament Brussell IIa, fuq l-awtoritajiet nazzjonali li jirrikonoxxu u jinforzaw sentenzi mogħtija fi Stat Membru ieħor f'każijiet li jikkonċernaw il-minuri; jinsab imħasseb dwar il-fatt li f'tilwim familjari li għandu implikazzjonijiet transfruntiera l-awtoritajiet Ġermaniżi jistgħu sistematikament jirrifjutaw li jirrikonoxxu deċiżjonijiet ġudizzjarji meħuda fi Stati Membri oħra f'każijiet li fihom it-tfal li jkunu għadhom lanqas għalqu tliet snin ma jkunux instemgħu; jissottolinja li dan l-aspett jimmina l-prinċipju ta' fiduċja reċiproka ma' Stati Membri oħra li s-sistemi ġuridiċi tagħhom jistabbilixxu limiti ta' età differenti għas-smigħ tat-tfal;	4. Jenfasizza l-obbligu, kif previst fir-Regolament Brussell IIa, fuq l-awtoritajiet nazzjonali li jirrikonoxxu u jinforzaw sentenzi mogħtija fi Stat Membru ieħor f'każijiet li jikkonċernaw il-minuri; jinsab imħasseb dwar il-fatt li f'tilwim familjari li għandu implikazzjonijiet transfruntiera l-awtoritajiet Ġermaniżi***, allegatament,*** jistgħu sistematikament jirrifjutaw li jirrikonoxxu deċiżjonijiet ġudizzjarji meħuda fi Stati Membri oħra f'każijiet li fihom it-tfal li jkunu għadhom lanqas għalqu tliet snin ma jkunux instemgħu; jissottolinja li dan l-aspett jimmina l-prinċipju ta' fiduċja reċiproka ma' Stati Membri oħra li s-sistemi ġuridiċi tagħhom jistabbilixxu limiti ta' età differenti għas-smigħ tat-tfal;

Or. en

Emenda 23
Yana Toom
f'isem il-Grupp ALDE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni **B8-0546/2018**
Cecilia Wikström
f'isem il-Kumitat għall-Petizzjonijiet
Ir-rwol tal-Uffiċċju Ġermaniż għall-Benesseri taż-Żgħażagħ (Jugendamt) f'tilwim transfruntier li jinvolvi l-familji

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. ***Jinsisti fuq*** l-importanza li l-Istati Membri jiġbru data statistika dwar il-proċedimenti amministrattivi u ġudizzjarji li jikkonċernaw il-kustodja tal-minuri u li jinvolvu lill-ġenituri barranin, b'mod partikolari dwar l-eżitu tas-sentenzi, sabiex jippermettu analiżi dettaljata tax-xejriet eżistenti matul iż-żmien u biex jipprovdu punti ta' riferiment;	6. ***Jenfasizza*** l-importanza li l-Istati Membri jiġbru data statistika dwar il-proċedimenti amministrattivi u ġudizzjarji li jikkonċernaw il-kustodja tal-minuri u li jinvolvu lill-ġenituri barranin, b'mod partikolari dwar l-eżitu tas-sentenzi, sabiex jippermettu analiżi dettaljata tax-xejriet eżistenti matul iż-żmien u biex jipprovdu punti ta' riferiment;

Or. en

Emenda 24
Yana Toom
f'isem il-Grupp ALDE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni **B8-0546/2018**
Cecilia Wikström
f'isem il-Kumitat għall-Petizzjonijiet
Ir-rwol tal-Uffiċċju Ġermaniż għall-Benesseri taż-Żgħażagħ (Jugendamt) f'tilwim transfruntier li jinvolvi l-familji

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. ***Jikkritika bil-qawwa l-assenza*** ta' data statistika dwar l-għadd ta' każijiet fil-Ġermanja li fihom id-deċiżjonijiet tal-qorti ma kinux konformi mar-rakkomandazzjonijiet tal-Jugendamt u dwar l-eżiti ta' tilwim familjari li jinvolvi l-ulied ta' koppji binazzjonali, minkejja t-talbiet ripetuti tul bosta snin biex din id-data tinġabar u ssir disponibbli għall-pubbliku;	9. ***Jiddispjaċih li hemm assenza*** ta' data statistika dwar l-għadd ta' każijiet fil-Ġermanja li fihom id-deċiżjonijiet tal-qorti ma kinux konformi mar-rakkomandazzjonijiet tal-Jugendamt u dwar l-eżiti ta' tilwim familjari li jinvolvi l-ulied ta' koppji binazzjonali, minkejja t-talbiet ripetuti tul bosta snin biex din id-data tinġabar u ssir disponibbli għall-pubbliku;

Or. en